32003D0121

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-11 ta' Frar 2003
li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja lill-*vacuum cleaners*

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2003) 114)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/121/KE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWRPOPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 l-eko-tikketta Komuntarja tista' tingħata lil prodott li jippossjiedi l-karattersitiċi li jippermettulu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib fejn għandhom x'jaqsmu aspetti ambjentali prinċipali.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/200 jistabilixxi illi l-kriterji speċifiċi ta' l-eko-tikketta għandhom jiġu stabbiliti skond il-gruppi tal-prodotti.

(3) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma msejsa fuq l-abbozz tal-kriterji żviluppat mill-Bord ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Għoti ta' l-Eko-tikketti stabbilit taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.

(4) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat istitwit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Sabiex tiġi mogħtija l-eko-tikketta Komunitarja skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, *vacuum cleaner* trid tidħol fil-grupp ta' prodotti kif definit fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, u trid tikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi ddikjarati fl-Anness.

L-Artikolu 2

Il-prodott "*vacuum cleaners*" għandu jikkompendi l-*vacuum cleaners* kollha li jkunu kompatti u jkollhom kollox f' apparat wieħed, bħalma huma l-*vacuum cleaners* taċ-ċilindru u dawk weqfin, kapaċi li jiġbdu bl-arja minn wċuh ta' mill-inqas 10 m^2 kull darba li jintużaw.

Il-grupp tal-prodotti ma għandhux jinkludi *vacuum cleaners* li jaħdmu mingħajr fili ta' l-elettriku jew bil-batterija u sistemi tat-tindif ċentrali bil-*vacuum*.

L-Artikolu 3

Għal finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-*vacuum cleaners* għandu jkun "23".

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2007. Jekk fil-31 ta' Marzu 2007 ma jkunux ġew adottati l-kriterji rriveduti, din id-Deċiżjoni għandha tibqa' tapplika sal-31 ta' Marzu 2008.

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 237, ta' l-21.8.1991, p. 1.

L-ANNESS

IL-QAFAS

Il-miri tal-kriterji

Dawn il-kriterji jimmiraw b'mod partikolari illi jippromwovu:

— it-tnaqqis tal-ħsara lill-ambjent jew tar-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-enerġija (iż-żieda fis-sħana globali, l-aċidifikazzjoni, it-tnaqqis tar-riżorsi li ma jiġġeddux) billi jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija,

— it-tnaqqis tal-ħsara lill-ambjent li għandha x' taqsam ma' l-użu tar-riżori naturali billi jiġu inkoraġġiti t-tul taż-żmien li fih tibqa' taħdem, il-kapaċit għar-riċiklaġġ u l-kapaċit għall-mantenibbilt tal-*vacuum cleaner* (minn issa 'l quddiem riferita bħala 'il-prodott'),

— it-tnaqqis tal-ħsara jew tar-riskji lill-ambjent li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' sustanzi ta' riskju billi jitnaqqas l-użu ta' dawn is-sustanzi.

Il-kriterji jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' l-aħjar prattika (l-użu ottimali ta' l-ambjent) u jtejbu l-konoxxenza ambjentali tal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-għoti tal-marki lill-komponenti tal-plastik jinkorġġixxi r-riċiklaġġ.

Il-kriterji huma ffissati fil-livelli li jippromwovu l-għoti tat-tikkettji lill-*vacuum cleaners* li jiġu prodotti b'impatt ambjentali baxx.

Il-ħtiġiet ta' l-istima u l-verifika

Il-ħtiġiet speċifiċi ta' l-istima u l-verifika huma indikati ġo kull wieħed mill-kriterji.

Meta approprjat, jistgħu jintużaw metodi oħra għajr dawk indikati għal kull wieħed mill-kriterji jekk l-ekwivalenza tagħhom tiġi aċċettata mill-korp kompetenti li jistma l-applikazzjoni.

Meta possibbli, it-testijiet għandhom jitwettqu minn laboratorji akkreditati kif jixraq jew laboratorji li jissodisfaw il-ħtiġiet espressi fl-i *standard* EN OSI 17025 u li huma kompetenti għalbiex iwettqu t-testijiet rilevanti.

Meta l-applikant ikun meħtieġ li jipprovdi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, rapporti ta' l-analiżi tat-testijiet, jew kull xhieda oħra lill-awtorit kompetenti li tevalwa l-applikazzjoni sabiex juri l-konformit mal-kriterji, huwa mifhum li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/i tiegħu, eċċetera, kif approprjat.

Meta approprjat, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazjoni ta' appoġġ u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Il-korpi kompetenti huma rrakkommandati li jqisu l-implimentazzjoni ta' skemi kkonoxxuti tal-ġestjoni ambjentali, bħalma huma l-EMAS, (l-Iskema għall-Eko-Ġestjoni u l-Verifika) jew l-OSI 14001, meta jistmaw l-applikazzjonijiet u jimmonitorjaw it-tħaris tal-kriterji f'dan l-Anness (nota: mhux meħtieġ li jiġu implimentati dawn l-iskemi ta' ġestjoni).

IL-KRITERJI

1. **Il-konsum ta' l-enerġija u l-effiċjenza fit-tneħħija tat-trab**

(a) Wara ħames mogħdijiet fuq tapit Wilton, l-effiċjenza tat-tneħħija tat-trab għandha tkun mill-inqas 70 % u l-enerġija kkunsmata għandha tkun inqas minn 345 W fis-siegħa.

(b) Wara mogħdijia waħda fuq il-wiċċ iebes ta' l-art speċifikat fil-punt 5.2 ta' l-EN 60312, l-effiċjenza tat-tneħħija tat-trab għandha tkun mill-inqas 98 % u l-enerġija kkunsmata għandha tkun inqas minn 69 W fis-siegħa.

L-istima u l-verifika: Għall-kull wieħed mill-kriterji (a)-(b) ta' hawn fiq, l-applikant għandu jipprovdi rapporti ta' testijiet li jindikaw l-ammont tat-tneħħija tat-trab bħala segwiment ta' l-EN 60312 speċifikat hawn fuq, imwettaq b'borża jew kontenitur/riserva vojti (skond kif japplika). Il-wiċċ iebes ta' l-art għandu jikkonsisti minn injam ta' l-arżnu stratifikat mhux ittrattat jew ta' bord ekwivalenti ta' minimu ta' ħxuna ta' 15-il mm.

2. **It-tul taż-żmien li tibqa' tajba għax-xogħol**

(a) il-mutur għandu jkollu t-tul tal-ħajja ta' mill-inqas 550 siegħa.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li jsegwi l-metodu tat-test ta' l-Artikolu 19.1 ta' l-KEI 312 jew ta' l-EN 60312.

(b) In-*nozzle* ta' l-enerġija għandu jkollu t-tul tal-ħajja ta' mill-inqas 1 000 dawra taċ-ċilindru.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li jsegwi l-metodu tat-test ta' l-Artikolu 20.1 ta' l-KEI 312 jew ta' l-EN 60312.

(ċ) It-tubu tal-lastiku għandu jkollu t-tul tal-ħajja ta' mill-inqas 40 000 oxxillazzjoni.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li jsegwi l-metodu tat-test ta' l-Artikolu 20.2 ta' l-KEI 312 jew ta' l-EN 60312.

(d) Is-swiċċ ewlieni tat-tifi għandu jiffunzjona kemm mekkanikament u kemm elettrikament għal mill-inqas 2 500 darba.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovvdu rapport ta' test, li jindika l-proċedura li trid tiġi segwita. It-test għandu jsir fuq il-*vacuum cleaner* bin-*nozzle* skonnettjata.

(e) Il-fabbrikant għandu joffri garanzija kummerċjali li tiżgura illi l-*vacuum cleaner* trid tiffunzjona għal mill-inqas sentejn. Din il-garanzija għandha tkun valida mid-data tal-kunsinna lill-klijent.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi kopja tal-garanzija mqassma mal-prodott.

(f) Id-disponibbilt tal-partijiet kollha li jinbidlu meħtieġa sabiex tiżgura l-funjzonament korrett għandha tiġi ggarantita għal minn inqas 10 snin minn meta tieqaf il-produzzjoni.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokument approprjat ta' appoġġ.

3. **Il-kapaċita tar-riċiklaġġ, it-teħid lura u r-riċiklaġġ**

(a) Il-fabbrikant għandu jiċċekkja l-iżmantellament tal-prodott u jipprovdi rapport dwar l-iżmantellament li għandu jkun magħmul disponibbli għal partijiet terzi fuq talba.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien ma' koppja tar-rapport ta' l-iżmantellament.

(b) Il-partijiet ta' l-elettriku għandhom ikunu mwaħħla mekkanikament sabiex jiffaċilitaw l-iżmantellament u r-riċiklaġġ.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-doumentazzjoni approprjata ta' appoġġ, li tindika d-disinn tal-prodott u l-konnessjonijiet mekkaniċi bejn il-partijiet ta' l-elettriku. Ir-rapport ta' l-iżmantelliment ipprovvdut mill-applikant (kif hawn fuq) għandu jikkonferma dan.

(ċ) Il-partijiet tal-metall għandhom ikunu aċċessibbli bla xkiel għalbiex jiffaċilitaw l-iżmantellament u

r-riċiklaġġ.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimjien mad-dokumentazzjoni approprjata ta' appoġġ, li tindika d-disinn tal-prodott u l-aċċessibbilt tal-partijiet tal-metall. Ir-rapport ta' l-iżmantelliment ipprovvdut mill-applikant (kif hawn fuq) għandu jikkonferma dan.

(d) Il-*vacuum cleaner* (inklużi n-*nozzle* ta' l-enerġija u t-tubu tal-lastiku) ma għandux ikun fiha ċomb, merkurju, kadmju, kromju eksavalenti, bifenili polibrominati (*PBBs*) u/jew eteri tal-bifenil polibrominat (*PBDEs*), għajr kif permessi fl-Anness mad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (*RoHs*) [1] u l-emendi sossegwenti tagħha.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokumentazzoni approprjata ta' appoġġ, li tindika kemm kienu intużati ritardanti tan-nar (jekk ikun hemm minnhom).. Sakemm jiġu stabbiliti l-valuri tal-konċentrazzjoni massima għal dwn is-sustanzi ġewwa l-qafas tad-Direttiva msemmija hawn fuq, l-applikant u jew il-fornitur/i tiegħu għandhom jiddikjaraw illi dawn is-sustanzi ma' ġewx miżjuda b'mod maħsub mal-*vacuum cleaner* jew ma' whud mill-komponenti tagħha,

(e) Il-partijiet tal-plastik ma għandu jkun fihom l-ebda kisi minn ġewwa ta' metall li ma jistax jiġi mifrud.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokumentazzjoni approprjata ta' appoġġ, li tindika n-natura ta' kull kisi minn ġewwa bil-metall. Ir-rapport ta' l-iżmantelliment ipprovvdut mill-applikant (kif hawn fuq) għandu jikkonferma dan.

(f) Il-partijiet tal-plastik itqal minn 25 gramma ma għndux ikun fihom kloroparaffini b'tul ta' katina ta' 10-13-il atomu, bil-kontenut tal klorin > 50 % fil-piż (SAK 85535-84-8).

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokumentazzoni approprjata ta' appoġġ, li tindika liema ritartandi tan-nirien (jekk ikun hemm minnhom) ġew użati.

[1] ĠU L 37, ta-13.2.2003, p. 1.

(g) Il-partijiet tal-plastik itqal minn 25 gramma ma għandux ikun fihom sustanzi li jirritardaw in-nirien jew thejjijiet li jkun fihom sustanzi li huma jew jistgħu jiġu assenjati, mal-waqt ta' l-applikazzjoni, waħda mill-frażijiet tar-riskju *R45* (li jistgħu jikkawżaw il-kanċer), *R46* (li jistgħu jikkawżaw ħsara ġenetika ereditarja), *R50* (tossiċi ħafna għall-organiżmi akwatiċi), *R51* (tossiċi għall-organiżmi akwatiċi), *R52* (ta' ħsara għall-organiżmi akwatiċi), *R53* (li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fuq skond fit-tul fl-ambjent akwatiku), *R60* (li jistgħu jagħmlu ħsara lill-fertilit) jew *R61* (li jistgħu jagħmlu ħsara lit-tarbija mhux mitwielda), kif iddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika, l-pakkeġġjar, u t-tikkettjar tas-sustanzi perikoluži [1], u l-emendi sossegwenti tagħha.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokumentazzjoni approprjata ta' appoġġ, li tindika liema ritardanti tan-nirien (jekk ikun hemm minnhom) ġew użati flimkien mas-sigurt u l-folji ta' l-informazzjoni tal-materjal li għandu x'jaqsam magħhom..

(h) Il-partijiet tal-plastik li huma itqal minn 25 gramma għandu jkollhom marka permanenti li tidentifika l-materjal, skond l-OSI *11469*.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokument approprjat ta' appoġġ.

(i) Il-fabbrikant għandu joffri li jieħu lura l-prodott għar-riċiklaġġ, u kull komponent li jiġi mibdul, għajr għall-boroż u l-filtri tat-trab. Dawn għandhom ikunu mingħajr ħlas, għajr meta l-awtoritajiet lokali jew nazzjonali jkun stabbilew piż għal dan.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni b'dan l-effett flimkien mad-dokument approprjat ta' appoġġ.

4. **L-istorbju/ħoss**

Il-ħsejjes (il-qawwa tal-ħoss) għandhom ikunu ddikjarati fuq il-prodott u ma għandhomx jaqbżu s-76 *dBa* (referenza ta' 1 *picoWatt*).

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, bl-użu tal-metodu tat-test *EN 60704-2-1*, u għandha ssir dikjarazzjoni dwar il-ħsejjes skond il-metodu *EN 60704-3*. L-applikant għandu jipprovdi kopja tal-manjiera li biha ssir id-dikjarazzjoni.

5. **L-emissjonijiet tat-trab**

(a) Il-kwantit tat-trab li joħroġ (K) għandha tkun inqas minn 0.01 mg/m^3.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovvdi rapport ta' test, bl-użu tal-metodu tat-test *EN 60312*.

(b) Il-filtri tat-trab għandhom ikunu jistgħu jinbidlu u/jew jinħaslu u għandu jkollhom kulur ċar.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li jħares din il-ħtieġa.

6. **Ir-reżistenza taċ-ċaqliq tar-ras għall-ġibda tat-trab**

Ir-reżistenza għaċ-ċaqliq tar-ras tal-ġibda tat-trab (R) għandha tkun inqas minn 25 *N*.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, bl-użu tal-metodu tat-test *EN 60312*.

7. **L-ordnijiet u t-tagħrif lill-utent**

Il-prodott għandu jinbigħ bit-tagħrif rilevanti għall-utent, li jipprovdi pariri dwar l-użu xieraq ambjentali tiegħu u, b'mod partikolari:

(a) Tagħrif illi l-enerġija kkonsmata matul l-użu tista' tiġi mnaqqsa b' mod sinifikanti jekk il-kontenitur jew il-borża tat-trab jiġu żvujtati meta mimlija (nota: dan il-kriterju jista' ma jitħarisx jekk il-fabbrikanet ikun jista' juri illi dan mhux il-każ).

(b) Rakkommandazzjoni illi s-swiċċ tal-*vacuum cleaner* għandu jintefa meta l-magna ma tkunx attwalment użata.

(ċ) Tagħrif dwar il-garanzija u d-disponibbilt tal-partijiet tal-bdil;

(d) Tagħrif dwar il-fatt illi l-prodott kien iddisinjat sabiex jgħin ir-riċiklaġġ xieraq u ma għandux jiġi mormi; Parir dwar kif il-konsumatur jista' jagħmel użu mill-offerta tat-teħid lura mill-fabbrikant.

[1] ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

(e) Tagħrif illi l-prodott ġie mogħti l-Fjura (l-eko-tikketa ta' l-UE), bi spjega qasira dwar din xi tfisser, flimkien ma' indikazzjoni illi iktar tagħrif dwar l-eko-tikketta jista' jinstab fl-indirizz tal-website: *http://europa.eu.int/ecolabel*.

(f) Tagħrif dwar il-proċeduri varji tal-manutenzjoni, b'mod partikolari il-bdil tal-boroż (jew l-iżvujtar tal-kontenitur tat-trab) u l-filtri.

(g) Indikatur għandu juri meta l-borża jew il-kontenitur ikunu mimlija u jeħtieġu jinbidlu jew jiġu żvujtati, għajr jekk dan ikun jidher biċ-ċar matul l-użu normali.

(h) Tagħrif dwar il-piż tal-prodott

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jiddikjara l-konformit tal-prodott ma' dawn il-ħtiġiet, u għandu jipprovdi kopja tal-manwal ta' l-istruzzjonijiet lill-awtorit kompetenti li tistma l-applikazzjoni.

8. **It-tagħrif dwar l-eko-tikketta**

Il-Kaxxa 2 ta' l-eko-tikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

— tindif effiċjenti, emissjonijiet baxxi tat-trab, ħsejjes baxxi,

— konsum baxx ta' l-enerġija,

— tul taż-żmien tal-ħajja u abbilt għar-riċiklaġġ imtejba.

L-istima u l-verifika: l-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' din il-ħtieġa, u għandu jipprovdi kopja ta' l-eko-tikketta kif tidher fuq il-pakkeġġjar u/jew il-prodott u/jew id-dokumentazzjoni li takkumpanja.